

32003R0816

L 116/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

13.5.2003

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 816/2003**tat-12 ta' Mejju 2003****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2808/98 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema agrimonetarja għall-euro fl-Agricoltura**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jstabbilixxi arranġamenti agrimonetarji għall-Euro ⁽¹⁾, u b' mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2808/98 ⁽²⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2452/2000 ⁽³⁾, jipprovdi li r-rata ta' kambju li għandha tintuża għall-konverżjoni fil-munita nazzjonali ta' l-għajnuna għal kull ettaru u l-ammonti ta' karattru strutturali jew ambjentali hija l-medja tar-rati ta' kambju applikabbli matul ix-xahar qabel id-data tal-fatt operattiv maħduma pro rata temporis. Għandu jiġi stabbilit kif tinħadem dik il-medja.

- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 2808/98 għandu jiġi emendat f'dan is-sens.

- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni in kwistjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-sentenza li ġejja hija miżjuda ma' l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2808/98:

“Il-medja tar-rati ta' kambju għandha tiġi ffixxata mill-Kummissjoni fix-xahar wara d-data tal-fatt operattiv.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jgħodd direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Mejju 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 349, ta' l-24.12.1998, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 349, ta' l-24.12.1998, p. 36.

⁽³⁾ ĠU L 282, tat-8.11.2000, p. 9.